Minuti tal-Laqgħa Nru.26 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2006 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri (ħa postu fil-5.30 p.m.)<br>Is-Sinjura Monica Camilleri<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Audit Report & Financial Statements 2005/2006
6. SkolaSajf
7. Ħarġa Kulturali għal Għawdex
8. Football Tournament
9. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 25 fejn Para. 4.4ii ġie emendat fuq proposta tas-Sur Victor Caruana ġie jinqara hekk " Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku. Min-naħa tiegħu is-Sur Victor Caruana qabel li Triq Sir Ugo Mifsud issir kollha bit-tarmac bil-bankini b'kollox."

1.2 Wara din l-emenda l-Kunsill approva l-Minuti fuq mozzjoni mressqa mis-Sur Joe Camilleri ssekondata mis-Sur Raymond Saliba.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Il-Viċi Sindku Joe Piscopo rrefera għal Para. 4.2ii tal-Minuti u qal li l-laqgħa ma' l-iskrivani tal-Kunsill bil-għan li titjieb il-performance tagħhom baqgħet ma saritx.

2.2 Wara li talab u ngħata l-permess tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv spjega għala l-laqgħa deċiża mill-Kunsill baqgħet ma saritx. Huwa qal li din il-laqgħa ma saritx għar-raġuni li waħda mill-iskrivani (Angie Refalo) kienet taf b'kollox b'dak li ntqal mis-Segretarju Eżekuttiv fuq il-performance tagħha waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Żied igħid li dan ifisser illi xi ħadd mill-Kunsillieri, li għandu nteress li jfixkel l-Amministrazzjoni, mar ikeskes lil din l-iskrivana biex forsi jinħabb. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jgħid li din hija tal-mistħija u li min għamel hekk ħaqqu jiġi "named" ma' l-awtoritajiet kompetenti.

2.3 Wara li għall-mistoqsija tas-Sindku, il-Kunsillieri ddikjaraw wieħed, wieħed li ma kinux huma li svelaw kollox ma' l-iskrivana inkwistjoni, id-diskussjoni kompliet u wasslet għal deċiżjoni li l-laqgħa ma' l-istaff issir xorta. Barra minn hekk fuq insistenza tas-Sur Victor Caruana ġie deċiż ukoll li l-iskrivana Angie Refalo tingħata l-job description.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sal-25 ta' Lulju 2006, fosthom :

a) *acknowledgement* għall-*objection letter* li l-Kunsill Lokali bagħat lill-MEPA dwar is-Civic Amenity Sites (CAS) propost għal Triq Valletta, Luqa;
b) ittra mill-Kap ta' l-Iskola Primarja, Luqa, dwar il-kundizzjonijiet għall-użu ta' klassijiet biex tiġi organiżżata Skolasajf;
c) ittra ta' ringrazzjament mill-Għaqda Filantropika Ġenituri u Persuni b'Diżabilita', Luqa;
d) ittra mis-Sinjura Carmen Rose Calleja li titlob biex Triq il-Ġdida ssir one-way, liema talba ġiet rifjutata mill-Kunsill;
e) ittra mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li titlob biex il-Kunsill Lokali jinnomina persuna bħala rappreżentant tiegħu biex b'kollaborazzjoni bejniethom jingħata għarfien aħjar lill-Ktieb. L-ittra ta' stedina ġiet mgħoddija lill-Viċi Sindku Joe Piscopo għal azzjoni.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA wara li din ġiet ivverifikata mis-Sur Victor Caruana.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Piscopo staqsa jekk tistax titwaħħal tabella fil-flats tal-Gvern biex ġewwa (isfel) ma jitħallewx boroż biż-żibel. Is-Sindku wieġeb li l-aħjar tintbagħat ittra lir-residenti.

4.2 Is-Sur Piscopo staqsa wkoll jekk is-sleeping-policeman ta' Triq l-Ekru tistax tiġi mdejqa ftit. Is-Sindku wieġeb li din diġa ġiet issingjata biex isir ix-xogħol.

4.3 Is-Sur Piscopo staqsa wkoll jistax isir stop-sign f'Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra k/m Triq il-Wilġa. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

4.4 Is-Sur Victor Caruana staqsa jekk il-kuntrattur għall-Ġbir ta' l-Iskart għandux dritt jitlob ħlas lil tal-ħwienet biex jeħdilhom l-iskart. Is-Sindku wieġeb li t-tender tiegħu hija għall-ġbir ta' skart domestiku u mhux kummerċjali. Minħabba f'hekk il-Kunsill kiteb lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għal tagħrif dwar il-liġi proposta f'dan ir-rigward, liema tagħrif għandu jservi ta' gwida.

4.5 Is-Sur Victor Caruana staqsa kif ta' l-iscammel ma jiġix jiġbor l-iskart fil-jiem tal-festa. Is-Sindku wieġeb li dan il-qasam jaqa' direttament taħt ir-responsabbilita tas-Sur Victor Caruana u għalhekk is-Sur Caruana għandu jiffaċċja lill-kuntrattur hu stess u jinforma lill-Kunsill dwar dan.

4.6 Is-Sur Caruana staqsa wkoll biex titnaddaf il-bankina f'Dawret il-Gudja. Is-Sindku wieġeb li s-Sur Caruana m'għandux għalfejn joqgħod jistenna l-laqgħa tal-Kunsill biex iqajjem dawn il-punti, imma bħala l-persuna responsabbli minn dan il-qasam għandu jieħu passi huwa stess.

4.7 Għal mistoqsija tas-Sur Victor Caruana fuq l-istat ta' Triq il-Parroċċa u Sqaq Nru. 4 fi Triq il-Karmnu, is-Sindku wieġeb li dawn se jitranġaw wara li jgħaddu l-mejns ta' l-ilma.

## 5. AUDIT REPORT 2005/2006 U MAMAGEMENT LETTER

5.1 Is-Sindku qal li kopja ta' dan ir-rapport kienet intbagħtet lill-Kunsillieri kollha u għalhekk għandu jittieħed bħala moqri. Qal ukoll li dan ir-rapport jiġbor fiħ il-Financial Statements 2005/2006 imħejjin mill-Kunsill u li l-istess Kunsill kien approva tliett seduti qabel.

5.2 Wara l-osservazzjonijiet zgħar li saru, il-Kunsill unanimament approva l-Audit Report u l-Financial Statement 2005/2006.

5.3 Il-Kunsill approva wkoll it-tweġiba tas-Sindku għall-Management Letter ta' l-Uditur fir-Rigward ta' l-Audit Report u l-Financial Statements tal-Kunsill għas-sena 2005/2006.

## 6. SKOLASAJF

6.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-attivita' Skolasajf kienet bidet u li għaliha qegħdin jikkonkorru madwar 40 tifel u tifla. Għal din l-attivita' l-Kunsill qabel li jalloka s-somma ta' Lm700.

## 7. ĦARĠA KULTURALI GĦAL ĠĦAWDEX

7.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li din il-ħarġa se ssir kif ippjanat għal nhar it-Tlieta, l-1 ta' Awissu 2006. Is-Sindku żied igħid li għal din l-attivita' kull kunsillier għandu żewġ (2) complimentary tickets.

## 8. FOOTBALL TOURNAMENT

8.1 Il-Kunsillier Joe Camilleri qal li dan l-tournament se jsir bejn sitt (6) timijiet u se jiżvolġi fil-ground ta' Ħal Għaxaq. L-Ewwel logħbiet se jsiru nhar l-Erbgħa, 2 ta' Awissu 2006.

## 9. MOZZJONIJIET

9.1 Mozzjoni mressqa mis-Sur Silvio Schembri u ssekondata mill-Kunsilliera Monica Camilleri tgħid: **li l-Kunsill jikkollabora ma' Luqa Youth Centre biex tiġi organiżżata Lejla Sajfija.**

9.2 Wara kelmtejn mill-Kunsillier Silvio Schembri, il-mozzjoni ġiet unanimament approvata u li għal din l-attivita' l-Kunsill qabel li jalloka s-somma ta' Lm200.

## 10. ĦLASIJIET

10.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sal-25 ta' Lulju 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.30 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum_____ ta' Awissu 2006.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali - Luqa - Local Council
49, Triq San Pawl
Luqa  LQA 03